**15 ta' Mejju, 1959**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. A.J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Michele Mifsud

*versus*

Giorgia Mifsud et.

**Simulazzjoni — Azzjoni jew Eċċezzjoni.**

*Għalkemm hu kontrovers fid-dottrina u fil-ġurisprudenza jekk is-simulazzjoni relattiva tistax tiġi opposta "ope exceptionis" jew għandhiex tiġi dedotta per mezz ta' azzjoni, u għalkemm il-Qorti tista' tippermetti li s-simulazzjoni tiġi dedotta wkoll b'eċċezzjoni, għandhom dejjem jitqiesu ċ-ċirkustanzi partikulari tal-każ; b'mod illi, jekk dawn iċ-ċirkustanzi juru li l-eċċezzjoni tas-simulazzjoni jeħtieġ li tiġi eżaminata fl-istess ġudizzju, mhux il-każ illi l-allegata simulazzjoni tiġi rimessa għal ġudizzju ieħor.*

*Barra minn dan, bħala regola ġenerali, hu deżiderabbli illi, meta dan jista' jsir kompatibbilment mar-regoli proċedurali u d-dispożizzjonijiet tal-liġi, l-inċidenti kollha li jqumu bejn il-partijiet f'kawża jiġu diskussi u deċiżi fl-istess ġudizzju, għall-ekonomija ta' żmien u spejjeż, u għas-skans ta' possibbli konflitt ta' ġudikati.*

*U allura, meta kontra l-azzjoni proposta tiġi aċċepita s-simulazzjoni, mhux neċessarjament din għandha tiġi rimessa*

*għal ġudizzju separat, imma għandha tiġi diskussa u deċiża fl-istess ġudizzju, jekk dan ikun jista' jsir konformement ma' dak li hawn fuq espost.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni tal-attur quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li biha, wara li ppremetta illi b'testment fl-atti tan-Nutar Nicola Said tad-9 ta' Diċembru 1955 huwa ġie nominat eredi universali ta' Giuseppe Dimech; u billi b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Said tal-10 ta' Lulju 1954 Maria Virġinia Dimech, għan-nom tagħha proprju u bħala prokuratriċi ta' ħuha Giuseppe Dimech, biegħet u ttrasferiet favur il-konvenuti l-fondi li jinsabu f'Ħaż-Żebbuġ, ċjoè (1) id-dar Ebona Street, Sqaq tnejn numru 8, drabijiet oħra numru 9, bħala libera u franka minn kwalunkwe piż, (2) id-dar Vassalli Street, ġa Strada Seconda Lume, Sqaq tnejn numru 4, bħala libera u franka minn kwalunkwe piż, (3) id-dar Grace Street, ġa Strada Grazie, numru 105, qabel 87, bħala libera u franka minn kwalunkwe piż, (4) id-dar Our Lady of Angels Street, ġa Strada Primi Angeli, numri 2 u 3, libera u franka minn kwalunkwe piż; liema bejgħ sar bil-prezz bonarjament konvenut ta' £600, li l-venditriċi Maria Virġinia Dimech proprio et nomine ddikjarat li diġà rċeviet minn għand l-imsemmijin kumpraturi Giuseppe u Giorġia Mifsud; u billi l-prezz miftiehem kien anqas minn nofs il-valur ġust tal-immobili mibjugħa fiż-żmien tal-kuntratt; u billi anki l-istess prezz ma ġiex imħallas, u dan il-ħlas kien fittizju; talab li jiġi dikjarat, prevja okkorrendo stima peritali, li l-fondi mibjugħin fil-jum tal-bejgħ kellhom valur aktar minn £1200; (2) u illi għalhekk il-bejgħ fuq imsemmi, għan-nofs tal-fondi mibjugħin mill-imsemmi Giuseppe Dimech, jiġi rexiss minħabba leżjoni, u dan inkwantokkè l-konvenuti ma jridux jipprevalixxu ruħhom mill-fakoltajiet mogħtija mill-art. 1543; (3) u jiġi dikjarat u deċiż li l-prezz ta' £300, parti spettanti lil Giuseppe Dimech mill-prezz ta' £600, dikjarat imħallas fil-kuntratt tal-bejgħ, ma ġie qatt imħallas lill-istess Dimech, kuntrarjament għal dak li ġie dikjarat fl-istess att, u għalhekk l-attur ma jkollu qatt jirrestitwieh lill-konvenuti f'każ li jiġu akkolti d-domandi preċedenti. Salvi drittijiet oħra u azzjonijiet tal-attur. Bl-ispejjeż;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, li biha eċċepew illi, għalkemm l-att impunjat jidher bħala att ta' bejgħ, proprjament in-negozju bejn il-partijiet kien dak ta' kumpens jew rimunerazzjoni għal serviġi prestati mill-konvenuti lil Maria Virġinia Dimech u lil Giuseppe Dimech u lill-ħutu, u għalhekk l-azzjoni eżerċitata mhix kompetenti lill-attur; u illi, fi kwalunkwe każ, il-valur dikjarat mhux inferjuri għal nofs il-valur ġust tal-proprjetà trasferita lill-konvenuti;

*Omissis;*

Rat il-verbal fil-fol. 25, fejn il-konvenuti ddikjaraw li riedu jġibu l-provi biex isostnu l-eċċezzjoni tagħhom illi, għalkemm il-kuntratt jidher ta' bejgħ, realment kien ta' rimunerazzjoni ta' serviġi reżi mill-konvenuti, u fejn l-attur oppona ruħu għal dawn il-provi, billi f'dak il-każ il-konvenuti għandhom jipproċedu per mezz ta' azzjoni;

Rat ir-rikors tal-perit legali fol. 33, fejn talab li l-Ewwel Qorti tagħti l-provvediment meħtieġ fuq l-inċident sollevat f'dak il-verbal;

Rat id-digriet tal-Ewwel Qorti tal-20 ta' Frar 1959, li bih ipprovdiet l-imsemmi rikors fis-sens li ordnat lill-perit legali li jisma l-provi u jirrelata dwar il-fondatezza tal-eċċezzjoni opposta mill-konvenuti; u ddifferiet il-kawża għall-preżentazzjoni tar-rapport; spejjeż riżervati għad-deċiżjoni finali; wara li kkunsidrat;

Illi, għalkemm huwa kontrovers fid-dottrina u fil-ġurisprudenza jekk is-simulazzjoni relattiva (bħal ma hu l-każ tagħna) tistax tiġi opposta "ope exceptionis" jew għandhiex tiġi dedotta per mezz ta' azzjoni, u għalkemm il-Qorti tista' tippermetti li s-simulazzjoni tiġi dedotta wkoll b'eċċezzjoni (Kollez. XXIX-II-1090), għandhom dejjem jitqiesu ċ-ċirkustanzi partikulari tal-każ;

Illi s-simulazzjoni eċċepita mill-konvenuti tirrigwarda kuntratt fejn kienu rappreżentati l-partijiet kollha, u ma jirriżultax li dak l-att jirrigwarda xi terzi li mhumiex fil-kawża;

Illi fil-premessi taċ-ċitazzjoni l-attur allega illi l-prezz tal-fondi ma ġiex imħallas kollu, għalkemm fl-att jingħad li l-venditriċi ġa rċevietu minn għand il-kumpraturi, u b'hekk l-attur ippremetta "li dan il-ħlas kien fittizju", u talab dikjarazzjoni analoga; u dan iġib miegħu, loġikament, illi l-konvenuti, biex jiddefendu ruħhom, jippruvaw li l-ħlas sar, jekk mhux bi flus, per mezz tal-kumpess lilhom dovut għas-serviġi prestati;

Illi għalhekk ikun meħtieġ jiġi eżaminat x'inhi n-natura tan-negozju ġuridiku stipulat fl-att "de quo", jiġifieri jekk hijiex bejgħ jew "datio in solutum", u dan bilfors irid isir fil-kawża preżenti; għaliex mir-riżultat ta' din l-indaġini jiddependi l-eżitu tat-tielet talba; apparti wkoll il-kwistjoni dibattuta fid-dottrina u fil-ġurisprudenza, jekk l-azzjoni ta' rexissjoni mitluba fl-ewwel domanda hijiex permessa wkoll f'każ ta' "datio in solutum";

Illi, fl-aħħarnett, il-Qorti, fid-digriet tagħha tal-21 ta' Ġunju 1956, innominat lill-perit legali biex jirrelata jekk il-pretensjoni tal-attur hijiex legalment fondata, u "dan wara li jieħu konjizzjoni tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti"; u sal-lum ma nġiebet ebda raġuni tajba biex il-Qorti titbiegħed minn dak id-digriet (art. 228 Proċedura Ċivili);

Rat ir-rikors li bih l-attur appella minn dak id-digriet u talab li jiġi revokat, billi jiġi deċiż illi ma għandhomx jiġu mismugħa l-provi relattivi għall-eċċezzjoni tad-"datio in solutum" opposta mill-konvenuti; l-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħhom;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Fis-sentenza tagħha tat-12 ta' Diċembru 1958, fil-kawża "Santucci vs. Mizzi", din il-Qorti qalet hekk:— "Bħala regola ġenerali, huwa ċertament deżiderabbli illi, meta dan jista' jsir kompatibbilment mar-regoli proċedurali u d-dispożizzjonijiet tal-liġi, l-inċidenti kollha li jqumu bejn il-partijiet f'kawża jiġu diskussi u deċiżi fl-istess ġu-

dizzju, għall-ekonomija taż-żmien u spejjeż, u għas-skans ta' possibbli konflitt ta' ġudikati". F'dak il-każ il-Qorti kienet irriteniet illi ma kienx wieħed minn dawk li għalihom, kif anki kienet ritenut fil-ġurisprudenza, kienet meħtieġa azzjoni separata;

Hekk ukoll din il-Qorti tirritjeni fil-każ preżenti. Iż-żewġ sentenzi nvokati mill-appellant ma kellhomx quddiemhom kwistjoni ta' simulazzjoni. Jekk wieħed, però, irid jiddeżumi argument minnhom, dan hu kontra, u mhux favur, *it-teżi tal-appellant; għaliex is-simulazzjoni timporta l-ineżistenza* assoluta jew relattiva tal-att impunjat. Aktar direttament rilevanti huma s-sentenza ċitata mill-Ewwel Qorti (Vol. XXIX-II-1090) u s-sentenzi li fuqhom dik kienet bażata (Vol. XXVII-I-402; XXII-I252; u oħrajn ċitati fihom), li rritenew illi s-simulazzjoni tista' tiġi dedotta wkoll in vija ta' eċċezzjoni (ara wkoll, fl-istess sens, Mattirolo, Trattato di Diritto Giudiziario Civile, Ed. 1902, Vol. I, p. 239);

Mill-bqija, din il-Qorti taqbel mar-raġunijiet mogħtija fid-digriet appellat, u tadottahom;

Għalhekk tiċħad l-appell u tikkonferma dak id-digriet; bl-ispejjeż tal-appell kontra l-appellant.